

Brussell, 1 ta' Lulju 2022
(OR. en)

10725/22

LIMITE

PECHE 234

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida strateġiċi l-ġodda tal-UE dwar l-akkwakultura

1. Il-Presidenza Franċiża u l-Presidenza Ċeka li jmiss ippreżentaw b'mod konġunt l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida strateġiċi l-ġodda tal-UE dwar l-akkwakultura¹ fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tas-Sajd fit-2 ta' Ġunju 2022. Id-dokument tħejja fuq l-inizjattiva tal-Presidenza Ċeka futura u huwa riżultat ta' kooperazzjoni tat-triju tal-presidenza. L-għan tiegħu huwa li jiżgura s-segwitu xieraq għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2021 intitolata "Linji gwida strateġiċi għal akkwakultura tal-UE li tkun aktar sostenibbli u kompetittiva għall-perjodubejn l-2021 u l-2031" (COM(2021)0236). It-tiżiħ tar-rwol tal-akkwakultura huwa wieħed mill-prijoritajiet ewlenin tal-Presidenza Ċeka u dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill jirriflettu l-isfidi ewlenin tal-akkwakultura tal-UE li jeħtieġ li jiġu solvuti u l-elementi ewlenin tagħha li jeħtieġ li jiġu żviluppati fil-futur.

¹ Dok. ST 9485/22

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tas-Sajd kellu diskussjoni dwar l-ewwel abbozz u xi delegazzjonijiet ippreżentaw kummenti bil-miktub fil-jiem ta' wara. Inħarġu żewġ verżjonijiet oħra tat-test² u ġew diskussi fil-laqgħat sussegwenti tal-Grupp ta' Ħidma fit-23 ta' Ġunju u fit-30 ta' Ġunju. Ġie ppreżentat abbozz finali³ għal konsultazzjonijiet bil-miktub u ġie approvat fl-1 ta' Lulju.
3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
- jiddiskuti l-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fl-anness għal dan in-nota;
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test; kif ukoll
 - jissuġġerixxi li l-Kunsill Agrikoltura u Sajd fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Lulju 2022, jipproċedi bi skambju ta' fehmiet u jadotta l-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fl-anness għal din in-nota.
-

² Dok. ST 9485/1/22 REV 1, dok. ST 9485/2/22 REV 2

³ Dok. ST 9485/3/22 REV 3

**ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR IL-LINJI GWIDA
STRATEĠIĊI L-ĠODDA TAL-UE DWAR L-AKKWAKULTURA**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

- A. wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2021 intitolata "Linji gwida strateġiċi għal akkwakultura tal-UE li tkun aktar sostenibbli u kompetittiva għall-perjodu bejn l-2021 u l-2031" (COM(2021)0236),
 - B. wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Marzu 2021 intitolata "Pjan ta' Azzjoni għall-Iżvilupp tal-Produzzjoni Organika". (COM(2021)141),
 - C. wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2021 dwar il-pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp tal-produzzjoni organika,
 - D. wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019)0640),
 - E. wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 intitolata "Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" (COM(2020)0381),
 - F. wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2020 dwar l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt,
 - G. wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 intitolata "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 – Inreġġgħu n-natura lura f'haġġitna" (COM(2020)0380),
 - H. wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2020 dwar il-Bijodiversità – il-ħtieġa għal azzjoni urġenti,
- 1) **JILQA'** d-dokument tal-Kummissjoni Ewropea "Linji gwida strateġiċi għal akkwakultura tal-UE li tkun aktar sostenibbli u kompetittiva għall-perjodu bejn l-2021 u l-2031" (minn hawn 'il quddiem "Linji gwida dwar l-Akkwakultura") u **JINGĦAQAD** mal-viżjoni kondiviża għal żvilupp ulterjuri tal-akkwakultura fl-UE.

- 2) **JAPPOĠĠA** l-objettiv li jinbena settur tal-marikultura u tal-akkwakultura tal-ilma ħelu sostenibbli, reżiljenti u kompetittiv u **JISSOTTOLINJA** li sabiex jinkiseb dan l-objettiv, jeħtieġ li jingħata l-prijorità għolja xierqa. Dan huwa essenzjali biex jiġi żgurat il-forniment ta' ikel nutrittiv, tajjeb għas-saħħa u sikur u biex titnaqqas id-dipendenza għolja tal-UE fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura. Fl-istess ħin, dan joffri opportunitajiet ekonomiċi u impjegi u jirrappreżenta eżempju tajjeb għat-tranżizzjoni globali lejn sistemi tal-ikel sostenibbli.
- 3) **JINDIKA** li l-implimentazzjoni tal-Linji gwida dwar l-akkwakultura ser teħtieġ kooperazzjoni intensiva bejn il-partijiet interessati rilevanti kollha, **JAPPOĠĠA** l-azzjonijiet previsti tal-Kummissjoni fl-oqsma tal-koordinazzjoni, l-appoġġ tekniku u l-gwida, u **JFAKKAR** fil-ħtieġa li dejjem jittieħed kont tal-ispeċifitajiet ta' kull tip ta' sistema tal-akkwakultura, kemm tal-baħar kif ukoll tal-ilma ħelu.
- 4) **JAPPOĠĠA U JENFASIZZA** l-ħtieġa li x-xjenza tiddaħħal fil-prattika permezz tar-riċerka applikata u l-innovazzjoni, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali, fil-partijiet kollha tas-settur tal-akkwakultura.
- 5) **IQIS** li l-aċċess għall-ispazju, speċjalment għall-frott tal-baħar bil-qoxra u għat-trobbija tal-ħut tal-baħar, u ilma ta' kwalità tajba jrid jiġi pprovdut biex jiġu żgurati t-tkabbir, ir-reżiljenza u l-kompetittività tas-settur tal-akkwakultura. **JAQBEL** mas-sejħa tal-Kummissjoni biex, fejn rilevanti, jiġi rivedut u ssimplifikat il-qafas regolatorju u amministrattiv, inkluż il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki dwar il-proċeduri amministrattivi kif previst fl-anness għal-Linji gwida dwar l-akkwakultura.
- 6) **IQIS** il-koeżistenza tal-marikultura ma' attivitajiet oħra, bħall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli (jiġifieri parks eoliċi lil hinn mill-kosta) jenħtieġ li tiġi esplorata aktar u l-aħjar prattiki għandhom jiġu kondiviżi fost l-Istati Membri.
- 7) **JINNOTA** li l-aċċess għall-ilma u l-possibbiltà, f'konformità mal-liġi applikabbli, li l-ilma użat jintrema huma rekwiżiti fundamentali għal kwalunkwe attività tal-akkwakultura ekonomikament sostenibbli. **JENFASIZZA** fl-istess ħin li parti kbira mis-settur tal-akkwakultura qed tiffaċċa l-isfida li anke l-aħjar tekniki disponibbli ma jistgħux jevitaw kompletament l-emissjoni ta' ċerti ammonti ta' nutrijenti fl-ilma, bħan-nitroġenu jew il-fosfru.

- 8) **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni tippreżenta proposta biex ittejjeb il-koerenza bejn l-objettiv ta' settur tal-akkwakultura sostenibbli li qed jikber fl-UE, minn naħa waħda, u l-leġislazzjoni ambjentali tal-UE, inkluż b'mod partikolari d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, min-naħa l-oħra.
- 9) **JINDIKA** li sustanzi bijoġeniċi li joriġinaw mis-settur tal-akkwakultura jistgħu jintużaw, jekk jiġu ssodisfati kondizzjonijiet leġislattivi oħra, bħala fertilizzanti jew għall-produzzjoni tal-bijogass. Madankollu, huma meħtieġa riċerka addizzjonali u l-implimentazzjoni innovattiva tagħha.
- 10) **JINNOTA** bi tħassib li f'dawn l-aħħar snin il-popolazzjonijiet dejjem jikbru tal-predaturi, b'mod partikolari l-ispeċijiet protetti bħall-marguni u l-lontri saru sfida konsiderevoli għall-operaturi tal-akkwakultura. **JISSOTTOLINJA** l-fatt li f'ħafna reġjuni d-danni tant huma tali li n-negozji ma għadhomx ekonomikament vijabbli, u li sempliċi kumpens għat-telf minħabba l-predaturi mhux ekonomikament sostenibbli. **JENFASIZZA** li din il-kwistjoni hija ostaklu ieħor għat-tkabbir tas-settur tal-akkwakultura, li jagħmilha inqas sostenibbli u ekonomikament vijabbli u jeqred l-għajxien dipendenti fuq l-attivitajiet tal-akkwakultura f'ħafna reġjuni. **IĦEĠĠEĠ** lill-Kummissjoni tidentifika fil-ħin miżuri ta' ġestjoni effettivi u effiċjenti fl-UE kollha għall-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-ħsara kkawżata mill-predaturi li għandhom impatt negattiv fuq l-akkwakultura.
- 11) **JENFASIZZA** li filwaqt li tiżdied il-prestazzjoni tal-akkwakultura fir-rigward tal-ambjent u t-ttrattament xieraq tal-annimali u jiġu stabbiliti miri ambizzjużi, huwa meħtieġ ukoll li jiġu żgurati l-istabbiltà ekonomika u soċjali u l-iżvilupp tan-negozji tal-akkwakultura, u li tiġi żgurata s-sikurezza tal-prodotti kkummerċjalizzati.
- 12) **JAPPOĠĠA** l-iżvilupp ta' metodi ġodda ta' akkwakultura tal-ilma ħelu u ta' marikultura, b'mod partikolari daww b'impatt ambjentali baxx, bħall-akkwakultura multitrofika integrata, is-sistemi tal-akkwakultura ta' riċirkolazzjoni, l-alkakultura u l-akkwaponika.
- 13) **JAPPOĠĠA** t-tisħiħ tar-rwol ambjentali, soċjoekonomiku u storiku tal-akkwakultura, li jipprovdi wieħed mill-aktar sorsi effiċjenti ta' proteini tal-annimali, inkluż il-kontribut tagħha għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

- 14) **JENFASIZZA** li passi ulterjuri biex tiżdied il-prestazzjoni ambjentali tal-akkwakultura tal-UE jinkludu t-tkabbir tal-akkwakultura organika, kif previst fl-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Iżvilupp tal-Produzzjoni Organika. **JENFASIZZA**, madankollu, li analiżi dettaljata tas-sitwazzjoni attwali u valutazzjoni tal-ostakli li jfixklu l-iżvilupp tal-akkwakultura organika huma meħtieġa biex jittieħdu l-miżuri neċessarji biex jintlaħaq dak l-oġettiv. Barra minn hekk, **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni tikkunsidra li ttipponi emenda tar-Regolament (UE) 2018/848 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi, li attwalment tippermetti biss iċ-ċertifikazzjoni tal-frott tal-baħar bil-qoxra u t-trobbija tal-ħut bħala organiċi taħt kondizzjonijiet stretti ħafna.
- 15) **JINDIKA** li xi sistemi tal-ilma ħelu, tal-baħar u oħrajn tal-akkwakultura jiksbu prestazzjoni ambjentali oġhla. Madankollu, bħalissa ma hemm l-ebda skema fil-livell tal-UE biex jittikkettaw jew jiċċertifikaw il-prodotti sostenibbli u l-ebda kondizzjoni ma hija stabbilita biex tiffavorixxi dawn it-tipi ta' akkwakultura, anke jekk il-prestazzjoni ambjentali hija sostanzjali. F'dan ir-rigward, **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni ttipponi l-istabbiliment ta' sistema trasparenti tal-UE għar-rikonoxximent u l-premjazzjoni tal-produtturi għall-ġestjoni tal-akkwakultura li ma tkunx tagħmel ħsara lill-ambjent u/jew li tippermetti servizzi addizzjonali tal-ekosistema. Huwa essenzjali li l-produtturi jiġu motivati jiksbu prestazzjoni ambjentali u soċjoekonomika oġhla tal-akkwakultura. Huwa fundamentali li tiġi żgurata skema ta' appoġġ fit-tul għal dawn l-attivitajiet.
- 16) **JAPPOĠĠA** l-iżvilupp ta' strateġiji ta' adattament għat-tibdil fil-klima għas-settur fil-livell nazzjonali, abbażi tal-aħjar pariri xjentifiċi.
- 17) **JINDIKA** li huwa essenzjali li jsir użu mid-data eżistenti meta jiġu stabbiliti u mmonitorjati l-indikaturi tal-kwalità ambjentali u tal-benessri tal-ħut. Jeħtieġ li tiġi evitata żieda eċċessiva fil-piż amministrattiv tal-ġbir tad-data.
- 18) **JAPPOĠĠA** l-pjanijiet tal-Kummissjoni li tippromwovi l-akkwakultura tal-UE, li ser tikkontribwixxi għal għażla infurmata tal-konsumatur dwar prodotti tal-akkwakultura Ewropej sostenibbli, u **JISSOTTOLINJA** li l-Istati Membri għandhom rwol importanti fl-iżgurar tad-disseminazzjoni wiesa' tal-kampanja madwar l-UE kollha dwar l-akkwakultura tal-UE. **JIRRAKKOMANDA** li tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar il-benefiċċji kollha tal-marikultura u l-akkwakultura tal-ilma ħelu, speċjalment fir-rigward tal-benefiċċji ambjentali, soċjali u klimatiċi.

- 19) **JAPPELLA** biex jiġu ssimplifikati u stabbiliti kondizzjonijiet speċifiċi għall-ġbir tad-data fis-settur tal-akkwakultura, b'mod partikolari billi jiġi sinkronizzat il-Qafas tal-Ġbir tad-Data tal-UE u l-Liġi tal-Istatistika tal-UE, filwaqt li jitqiesu sistemi differenti tal-akkwakultura. **JILQA'** s-simplifikazzjoni tal-proċessi amministrattivi għat-trażmissjoni u l-kondiviżjoni ta' din id-data.
- 20) **HUWA KONXJU** tal-perikli ta' mard infettiv, li jirrappreżenta restrizzjoni serja ħafna fuq il-produzzjoni tal-akkwakultura. **JILQA'**, għalhekk, l-iżvilupp tal-aħjar prattiki għall-ġestjoni tal-mard, f'konformità mal-istrateġija biex jissaħħu l-azzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR – Approċċ Saħħa Waħda), kif ukoll prattiki tajbin ta' trobbija, li fihom it-trattament xieraq tal-annimali għandu jkollu rwol essenzjali. **JAPPOĠĠA** ż-żamma u r-razzjonalizzazzjoni tas-sorveljanza u r-rappurtar tal-mard fl-Istati Membri tal-UE. **JISSOTTOLINJA** l-importanza ta' riċerka dwar patoġeni eżistenti u dawk ġodda u medikazzjonijiet u trattamenti effettivi xierqa biex jiġu żgurati s-saħħa u l-benesseri tal-organiżmi kkultivati. **JENFSIZZA** wkoll il-ħtieġa għal riċerka fl-intensifikazzjoni tat-tniissil ta' speċijiet ta' ħut tal-farms reżistenti għall-mard u aktar reżiljenti.
-